**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' April 2025**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 97/2025 JVC**

**Mario Brincat (ID 569556M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent Mario Brincat talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent twieled fit-tnejn u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u ħamsin (22.08.1956) (Dok MB1) lil Catherine

Brincat u Salvatore Bezzina u ingħata l-kunjom ta' ommu 'Brincat' stante li ġie rreġistrat b' "Missier mhux mgħaruf';

2. Illi ommu iżżewġet lill-missier ir-rikorrent nhar it-tmienja ta' Jannar elf disa' mija u disa u sittin (08.01.1969), kif jidher mill-anness Att taż-Żwieġ numru 27/1969 (Dok MB2) madankollu, għal xi raġuni, l-intimat naqas milli jinkludi r-rikonoxximent tal-paternità fl-att ta' żwieġ tal-ġenituri tiegħu, kif jirrikjedi l-Artikolu 102 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tapplika l-preżunzjoni *iuris et de iure* li r-rikorrent twieled waqt iż-żwieġ u jieħu kunjom missieru 'Bezzina', kif kien ilu diġà juża minn twelidu u dan kif jirriżulta anke miċ-ċertifikat tal-magħmudija tiegħu (DOK MB3);

3. Illi, dan l-iżball jirriżulta evidenti da parti tal-intimat b'mod partikolari miċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrent (DOK MB4) fejn <u>ġie indikat biċ-ċar li hu kunjomu Bezzina u li missieru huwa Salvatore Bezzina</u>;

4. Illi dan in-nuqqas baqa' jippersisti tul ħajjet ir-rikorrent li minn dejjem uża l-kunjom Bezzina, kif jidher mid-dokumenti tiegħu (DOK MB5 – DOK MB9) u kien ukoll il-kunjom li ingħata lill-uliedu (DOK MB10 u DOK MB11);

5. Illi, madanakollu, minħabba li ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu qatt ma ġie korrett, kunjom ir-rikorrent għadu kultant qiegħed jiġi indikat bħala '*Brincat*' u minħabba din id-diskrepanza, qed jiġu kawżati lilu problemi fil-ħajja ta' kuljum tiegħu;

6. Illi għaldaqstant r-rikorrent għandu x-xewqa li l-kunjom 'Bezzina' li huwa dak ta' missieru, u tal-kumplament tal-familja tiegħu u ilu jużah tul ħajtu kollha, ikun rifless kif suppost fl-atti

tal-ħajja tiegħu u mhux l-identità doppja li r-rikorrent qed iħoss li ġiet maħluqa;

7. Illi din it-talba qed issir in linea ma' dak provdut fl-artikolu 253 tal-Kap 16;

Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li r-rikorrent għandu jkollu l-kunjom *'Bezzina'* minflok '*Brincat'*;

2. Tordna a tenur l-Artikolu 101 et sek tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-Att taż-Żwieġ iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 27/1969 tiżdied id-debita annotazzjoni ta' rikonoxximent patern sabiex tiġi applikata l-presunzjoni tat-twelid waqt iż-żwieġ favur ir-rikorrent;

3. Sussegwentement tordna illi ssir l-istess annotazzjoni fl-Att tat-Twelid iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 5695/1956;

4. Tordna li ssir kwalunkwe korrezzjoni u annotazzjoni oħra anċillari meħtieġa sabiex kunjom ir-rikorrent jiġi meqjus bħala 'Bezzina';

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi *in linea* preliminari:

a. Din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. L-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa tal-umli fehma illi hekk kif inhu ritenut fl-Artikolu 101 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), u mhux din l-Onorabbli Qorti, li għandha s-setgħa u l-ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kawża odjerna, ċioe' li l-wild ikun meqjus *iuris et de jure* bħallikieku dejjem kien imnissel u mwieled matul iż-żwieġ, u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tieħu konjizzjoni tar-rikors promotur u t-talbiet tar-rikorrent;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **5695/1956** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1)**,** jidher li 'Mario Brincat' twieled ġewwa Malta nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Awwissu 1956 lil 'Catherine Brincat' u missier mhux magħruf u dana skont dak li ddikjarat l-omm fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-twelid tar-rikorrent. Għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

5. Illi madanakollu u għal kuntrarju ta' dak li hu mniżżel fuq l-Att tat-Twelid li fuqu omm ir-rikorrent ikkonfermat illi l-wild kellu jadotta l-kunjom 'Brincat', jidher li r-rikorrent kien qiegħed juża l-kunjom 'Bezzina', hekk kif jidher mid-dokumentazzjoni (Dok. MB3) li ppreżenta mar-rikors promotur. Tant illi sa sitt (6) ijiem wara t-twelid tar-rikorrent, fejn fuq l-Att tat-Twelid ommu niżżlet li l-missier tal-wild ma kienx magħruf, l-istess wild ġie indirizzat bħala '**Mario Bezzina**' u li l-**ġenituri** tiegħu kienu 'Catherine Brincat' u 'Salvatore Bezzina';

6. Illi kienu l-fuq minn tnax-il (12) sena wara t-twelid tar-rikorrent li ommu 'Catherine Brincat' iżżewġet lill 'Salvatore Bezzina', u l-istess ġenituri fl-ebda mument ma ħassew il-ħtieġa li jindirizzaw dak li kienet iddikjarat l-omm fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent. Għaldaqstant, u għal kuntrarju ta' dak li qiegħed jisħaq r-rikorrent, ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur, hekk kif l-istess Direttur aġixxa fuq dak illi ddikjarat l-omm, u ma seta' jagħmel ebda' tibdil fl-Atti ta' Stat Ċivili relevanti minn jeddu;

**7.** Illi fir-rigward tat-talbiet kollha, u kif ġja ben spjegat, r-rikorrent għandu jipproduċi dokumentazzjoni jew xhieda li jikkorraboraw l-pretensjonijiet magħmula minnu, tant illi ma ppreżenta ebda' dokument li juri li kien hemm nuqqas mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ma saritx l-annotazzjoni ta' rikonoxximent patern sabiex tiġi applikata l-preżunzjoni tat-twelid waqt iż-żwieġ favur ir-rikorrent fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru **27/1969**;

**8.** Illi *ai termini* l-Artikolu 102 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-preżunzjoni ma tista' qatt issir, ħlief meta l-wild jiġi

magħruf/rikonoxxut kemm mill-missier, kif ukoll mill-omm permezz ta' dikjarazzjoni fl-Att taż-Żwieġ, jew xort' oħra hekk kif inhu msemmi fl-Artikolu 87(1). Għaldaqstant, u kif ġja spjegat, l-esponent Direttur ma seta' qatt jagħmel tali annotazzjoni mingħajr id-dikjarazzjoni taż-żewġ ġenituri;

9. Illi di piu', fiż-żmien meta żżewġu l-ġenituri tar-rikorrent, iż-żwieġ bir-rit ċivili ma kienx jeżisti stante li dan beda biss fl-1975 permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Att taż-Żwieġ (Kap. 255), u għaldaqstant kienet biss il-Parroċċa in kwistjoni li kellha viżibilità tas-sitwazzjoni paternali tar-rikorrent, u mhux id-Direttur tar-Reġistru Publiku;

10. Illi t-talbiet tar-rikorrent ma jolqtux biss il-mod ta' kif hu minn dejjem kien magħruf, iżda wkoll il-paternita' tiegħu, u għaldaqstant fl-interess tal-ġudizzju ikun idoneju li primarjament tiġi stabbilita l-paternita' tar-rikorrent qabel ma jkun jista' jadotta l-kunjom 'Bezzina', sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi r-rikorrent verament huwa l-wild ta' 'Salvatore Bezzina';

11. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 16 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat illi fil-verbal tallum stess in vista tal-ħames eċċezzjoni tad-Direttur intimat ir-rikorrent irtira t-tieni talba tiegħu filwaqt li kkoreġa t-tielet talba tiegħu.

Rat illi konsegwentament id-Direttur intimat irtira l-ħames eċċezzjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat fejn huwa ċar u evidenti li tul ħajtu r-rikorrent dejjem uża l-kunjom 'Bezzina' li huwa jsostni li kien ta' missieru Salvatore Bezzina tant li kien anke rikonoxxut fil-karta tal-identita' tiegħu bħala 'Mario Brincat magħruf bħala Bezzina'.

Illi in vista tal-bosta dokumentazzjoni esebita l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent sabiex kunjomu jiġi rikonoxxut bħala 'Bezzina' u mhux 'Brincat' hija gustifikata u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent għandu jkollu l-kunjom *'Bezzina'* minflok *'Brincat'*;

3. Rat illi t-tieni talba ġiet irtirata;

4. Tilqa' t-tielet talba kif korretta;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' April 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**15 ta' April 2025**